A.L. 6 ta' l-2005

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg, wara konsultazzjoni mal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, mal-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u ma' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta'dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 37 ta' l-2003.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/105/EC tal-Parlament Ewropew li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/EC fuq il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Dan il-paragrafu għandu jidħol minnufih wara l-ewwel paragrafu tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali:

"L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 96/82/EC fuq il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafi (e) u (f) tas-subregolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(e) l-esplojtazzjoni (esplorazzjoni, estrazzjoni u pproċessar) ta' minerali f'minjieri, barrieri, jew permezz ta' spieri,

bl-eċċezzjoni ta' proċessi kimiċi u termali u l-ħżin relatat ma' dawk l-operazzjonijiet li jinvolvu sustanzi perikolużi, kif imfisser fi Skeda 1;

(f) l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni ta' minerali fil-baħar, inklużi l-idrokarburi;

(g) siti li jimtlew bl-iskart (*land-fills*), bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet fejn jintrema l-materjal li jifdal minn mineral grezz wara li jissaffa, inklużi għadajjar jew digi li fihom hemm sustanzi perikolużi kif imfisser fi Skeda 1, partikolarment meta dawn jiġu wżati in konnessjoni ma' l-ipproċessar kimiku u termali ta' minerali.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih fi tmiem is-subregolament (1), għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Fi żmien tlett xhur wara d-data minn meta dawn ir-regolamenti ikunu japplikaw għall-istabbilment in kwistjoni, jew kull perjodu ieħor li dwaru jista' jiġi miftiehem bil-miktub mill-Awtorità, għal stabbilimenti li sussegwentament ikunu jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti kif stabbilit fir-regolament 4(1), l-operatur ta' l-istabbiliment għandu jibgħat lill-awtorità kompetenti notifika bl-informazzjoni speċifikata fis-subregolament (2)."; u

(ii) minnufih fi tmiem il-paragrafu (b) fis-subregolament (3), għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iv) il-modifikazzjoni fi stabbiliment jew stallazzjoni li jista' jkollha riperkussjonijiet sinifikanti fuq perikli ta' inċidenti kbar,".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

5. Dan il-paragrafu ġdid li ġej għandu jidħol minnufih fi tmiem is-subregolament (1) tar-regolament 7 tar- regolamenti prinċipali:

"(ċ) għal stabbilimenti li sussegwentament jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti, id-dokument imsemmi f'dan is-subregolament għandu jsir mingħajr dewmien, iżda f'kull każ mhux aktar tard minn tlett xhur wara d-data minn meta l-istabbiliment in kwistjoni jaqa' taħt dawn ir-regolamenti, kif stabbilit fir-regolament 4(1).".

6. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

(i) minflok is-subregolament (2) għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ir-rapport tas-sigurtà għandu jinkludi mill-inqas l-għarfien u l-informazzjoni elenkati fi Skeda 3. Għandu jsemmi l-organizzazzjonijiet involuti fil-kitba tar-rapport. Għandu jinkludi wkoll inventarju aġġornat tas-sustanzi perikoluż fl-istabbiliment.";

(ii) minnufih fi tmiem is-subregolament (3) għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) għal stabbilimenti li sussegwentament jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti, mingħajr dewmien, imma mhux aktar tard minn sena wara d-data meta l-istabbiliment in kwistjoni jaqa' taħt dawn ir-regolamenti, kif stabbilit fir-regolament 4 (1)."; u

(iii) fis-subregolament (4) minflok il-kliem "subregolament (3)(b) u (ċ)" għandhom jidħlu l-kliem "subregolament (3)(b), (ċ) u (d)".

7. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

(i) minnufih wara l-paragrafu (ii) tal-proviso mas-subregolament (1) għandu jiżdied dan li ġej:

"(iii) għal stabbilimenti li sussegwentament jaqgħu fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti, mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn tnax-il xahar mid-data meta l-istabbiliment in kwistjoni jaqa' taħt dawn ir-regolamenti kif stabbilit f'dan is-subregolament."; u

(ii) minflok is-subregolament (3) għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-operatur għandu jiżgura li l-pjanjiiet ta' emerġenza interni stipulalti f'dawn ir-regolamenti jkunu mfassla wara konsultazzjoni mal-persunal li jaħdem fl-istabbiliment, inklużi dawk il-ħaddiema kkuntrattati għal żmien twil, u li l-pubbliku jiġi kkonsultat fuq il-pjanijiet ta' emergenza esterni meta dawn jiġu stabbiliti jew aġġornati.".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-paragrafu (a) għandu jidħol dan li ġej:

"(a) jiżgura li dawk il-persuni u kull stabbiliment pubbliku (bħal skejjel u sptarijiet) li x'aktarx jintlaqtu minn inċident kbir li joriġina fi stabbiliment kopert bir-regolament 8, jingħataw informazzjoni fuq il-miżuri ta' sigurtà u fuq l-imġieba meħtieġa fil-każ ta' inċident kbir fl-istabbiliment, regolarment u bil-mod l-aktar adattat, mingħajr il-ħtieġa li dawn ikollhom għalfejn jitolbuha."; u

(ii) minflok subregolament (7) għandu jidħol dan li ġej:

"(7) Fil-każ ta' stabbilimenti soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 8, l-operatur għandu jiżgura li l-inventarju ta' sustanzi perikoluż li hemm provdut dwaru fis-subregolament 8(2) ikun disponibbli għall-pubbliku, bla ħsara għall-provvedimenti ta' l-ewwel proviso mas-subregolament(6) ta' dan ir-regolament u tar-regolament 19.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

9. Is-subregolament (4) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tas-subregolament, u minnufih wara l-paragrafu (a) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdiedu dan li ġej:

"(b) Għal stabbilimenti li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni għall-inqas b'din l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-isem jew l-isem tan-negozju ta' l-operatur u l-indirizz sħiħ ta' l-istabbiliment in kwistjoni; u

(ii) l-attività jew l-attivitajiet ta' l- istabbiliment."

Jissostitwixxi Skeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

10. Minflok Skeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għanda tidħol Skeda 1 li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Jemenda Skeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

11. Fi Skeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-paragrafu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-paragrafu (a) għandu jidħol dan li ġej:

"(a) organizzazzjoni u persunal - ir-rwoli u r-responsabbilitajiet ta' persunal involut fl-amministrazzjoni ta' perikli kbar fil-livelli kollha ta' l- organizzazzjoni. L-identifikazzjoni ta' bżonnijiet ta' taħriġ ta' dak il-persunal u l-għoti tat-taħriġ ħekk identifikat. L-involviment ta' impjegati u ta' persunal bl-appalt li jkunu jaħdmu fl-istabbiliment;"; u

(ii) minflok il-paragrafu (e) għandu jidħol dan li ġej:

"(e) ippjanar għal emerġenzi - adozzjoni u implimentazzjoni ta' proċeduri biex jiġu identifikati emerġenzi prevedibbli b'analiżi sistematika, biex jiġu ppreparati, eżaminati u riveduti pjanijiet ta' emerġenza biex jirrispondu għal dawk l-emerġenzi u biex jipprovdu taħriġ speċifiku lill-impjegati involuti. Dan it-taħriġ għandu jingħata lill-persunal kollu fl-istabbiliment, inklużi persunal bl-appalt;".

Jemenda Skeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

12. Minflok is-subparagrafu (b) fil-paragrafu 4 ta' Skeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) evalwazzjoni tad-daqs u l-gravità tal-konsegwenzi ta' inċidenti kbar identifikati, inklużi mapep, xbihat jew, skond kif imiss, deskrizzjonijiet ekwivalenti, li juru żoni li jistgħu jiġu milquta minn inċidenti bħal dawk li joriġinaw mill-istabbiliment, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel proviso tas-subregolament (6) tar-regolament 12 u tar-regolament 19.".

SKEDA

Regolament 10

SKEDA 1

Regolamenti 2 u 3(1)

SUSTANZI PERIKOLUŻI LI GĦALIHOM JAPPLIKAW IR-REGOLAMENTI

PARTI 1

Daħla

1. Din l-Iskeda tapplika għall-preżenza ta' sustanzi perikoluż fi stabbiliment u tiddetermina l-applikazzjoni tar-regolamenti relevanti skond ir-regolament 3(1).

2. Taħlitiet u preparamenti għandhom ikunu trattati bl-istess mod bħal sustanzi puri sakemm dawn jibqgħu fil-limiti ta' konċentrazzjoni stipulati skond il-proprjetajiet tagħhom taħt id-dispożizzjonijiet relevanti speċifikati f'Parti 3, Nota 1, sakemm ma tkunx speċifikament mogħtija kompożizzjoni ta' perċentwal jew deskrizzjoni oħra.

3. Il-kwantitajiet li jikkwalifikaw stipulat f'Parti 2 u 3 għandhom x'jaqsmu ma' kull stabbiliment.

4. Il-kwantitajiet li għandhom jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni tar-regolamenti relevanti huma l-kwantitajiet massimi preżenti fi żmien partikolari. Għal skopijiet ta' kalkolu tal-kwantità totali preżenti, sustanzi perikoluż preżenti fi stabbiliment fi kwantitajiet daqs jew inqas minn 2 fil-mija tal-kwantità li tikkwalifika relevanti għandhom ikunu injorati jekk il-lokazjoni tagħhom ġo stabbiliment hija tali li ma tistax taġixxi bħala bidu ta' inċidenti kbar x'imkien ieħor fuq il-post.

5. Ir-regoli mogħtija f'Parti 3, Nota 4 li jirregolaw l-għadd ta' sustanzi perikoluż, jew kategoriji ta' sustanzi perikoluż, għandhom japplikaw fejn xieraq.

6. Għall-għan ta' dawn ir-Regolamenti, gass huwa sustanza li għandha pressjoni magħmula mill-fwar assoluta (*absolute vapour pressure*) daqs jew aktar minn 101.3 *kPa* f'temperatura ta' 20ºC.

7. Għall-għan ta' dawn ir-Regolamenti, likwidu huwa sustanza li mhix definita bħala gass u li mhix fl-istat solidu f'temperatura ta' 20ºC u fil-pressjoni standard ta' 101.3 *kPa*.

PARTI 2

Sustanzi Msemmija

Fejn sustanza jew grupp ta' sustanzi elenkati f'din il-Parti jaqaw ukoll f'kategorija tal-Parti 3, għandhom jintużaw il-kwantitajiet li jikkwalifikaw stipulati f'din il-Parti.

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Sustanzi perikoluż	Kwantità f'tunellati	
Ammonium nitrate (kif deskritt f'nota 1 ta' din il-parti)	5,000	10,000
Ammonium nitrate (kif deskritt f'nota 2 ta' din il-parti)	1,250	5,000
Ammonium nitrate (kif deskritt f'nota 3 ta' din il-parti)	350	2,500
Ammonium nitrate (kif deskritt f'nota 4 ta' din il-parti)	10	50
Potassium nitrate (kif deskritt f'nota 5 ta' din il-parti)	5,000	10,000
Potassium nitrate (kif deskritt f'nota 6 ta' din il-parti)	1,250	5,000
Arsenic pentoxide, arsenic (V) acid and/or salts	1	2
Arsenic trioxide, arsenious (III) acid and/or salts		0.1
Bromine	20	100
Chlorine	10	25
Nickel compounds in inhalable powder form (nickel monoxide, nickel dioxide, nickel sulphide, trinickel disulphide, dinickel trioxide)		1
Ethyleneimine	10	20
Fluorine	10	20
Formaldehyde (concentration =>90%)	5	50
Hydrogen	5	50
Hydrogen chloride (liquefied gas)	25	250
Lead alkyls	5	50
Liquefied extremely flammable gases (including LPG) and natural gas (whether liquefied or not)	50	200
Acetylene	5	50
Ethylene oxide	5	50
Propylene oxide	5	50
Methanol	500	5,000
4, 4-Methylenebis (2-chloraniline) and/or salts, in powder form		0.01
Methylisocyanate		0.15
Oxygen	200	2,000
Toluene diisocyanate	10	100
Carbonyl dichloride (phosgene)	0.3	0.75
Arsenic trihydride (arsine)	0.2	1
Phosphorus trihydride (phosphine)	0.2	1
Sulphur dichloride	1	1
Sulphur trioxide	15	75
Polychlorodibenzofurans and polychlorodibenzodioxins (including TCDD), calculated in TCDD equivalent		0.001

The following CARCINOGENS at concentrations above 5% by weight: *4-Aminobiphenyl and/or its salts, Benzotrichloride, Benzidine and/or salts, Bis (chloromethyl) ether, Chloromethyl methyl ether, 1,2-Dibromoethane, Diethyl sulphate, Dimethyl sulphate, Dimethylcarbamoyl chloride, 1,2-Dibromo-3-chloropropane,1,2-Dimethylhydrazine, Dimethylnitrosamine, Hexamethylphosphoric triamide, Hydrazine, 2- Naphthylamine and/or salts, 4-Nitrodiphenyl, and 1,3 Propanesultone*	0.5	2
Petroleum products: *(a) gasolines and naphthas,* *(b) kerosenes (including jet fuels),* *(c) gas oils (including diesel fuels, home heating oils and gas oil blending streams)*	2,500	25,000

Noti

1. ***Ammonium nitrate*** **(5,000/10,000):** fertilizzanti kapaċi li jsostnu waħidhom id-dikompożizzjoni

Dan japplika għal *ammonium nitrate-based compounds/composite fertilisers* (*compound/composite fertilisers* li fihom kontenut ta' *ammonium nitrate* b'*phosphate* u/jew *potash*) fejn il- kontenut ta' *nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* huwa

- bejn 15.75 fil-mija ([1]) u 24.5 fil-mija ([2]) bl-użin, u jew b'aktar minn 0.4 fil-mija *total combustible/organic materials* jew li jissodisfaw il-ħtiġijiet tar-Regolamenti tal-Fertilizzanti 2002,

- 15.75 fil-mija ([3]) bl-użin jew inqas u materjali kombustibbli mhux ristrett (*unrestricted combustible materials*),

u li huma kapaċi li jsostnu waħidhom id-dikompożizzjoni skond il-*UN Trough Test* (ara il-*United Nations Recommendations on the Transport of Dangerous Goods: Manual of Tests and Criteria, Part III, subsection 38.2*).

2. ***Ammonium nitrate*** **(1,250/5,000):** grad fertilizzant
Dan japplika għal *straight ammonium nitrate-based fertilisers* u għal *ammonium nitrate-based compound/composite fertilisers* fejn il-kontenut ta' *nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* huwa

- aktar minn 24.5 fil-mija bl-użin, minbarra għal taħlit ta' *ammonium nitrate* ma' *dolomite*, *limestone* u/jew *calcium carbonate* b'purità ta' mill-anqas 90 fil-mija,

- aktar minn 15.75 fil-mija bl-użin għal taħlit ta' *ammonium nitrate* u *ammonium sulphate*,

- aktar minn 28 fil-mija ([4]) bl-użin għal-taħlit ta' *ammonium nitrate* ma' *dolomite*, *limestone* u/jew *calcium carbonate* b'purità ta' mill-anqas 90 fil-mija,

u li jissodisfaw il-ħtiġijiet tar-Regolamenti tal-Fertilizzanti 2002.

3. ***Ammonium nitrate*** **(350/2,500):** grad tekniku

Dan japplika għal:

- *ammonium nitrate* u preparazzjonijiet ta' *ammonium nitrate* fejn il-kontenut ta' *nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* huwa

  - bejn 24.5 u 28 fil-mija bl-użin, u fejn il-kontenut ta' sustanzi kombustibbli mhux aktar minn 0.4 fil-mija,

  - aktar minn 28 fil-mija bl-użin, u fejn il-kontenut ta' sustanzi kombustibbli mhux aktar minn 0.2 fil-mija,

- *aqueous ammonium nitrate solutions* li fihom il-konċentrazzjoni ta' *ammonium nitrate* hija aktar minn 80 fil-mija bl-użin.

4. ***Ammonium nitrate*** **(10/50):** materjal "*off-specs*" u fertilizzanti li ma jissodisfawx il-prova tad-detonazzjoni (*detonation test*)

Dan japplika għal:

- materjal imwarrab matul il-proċess ta' manifattura u għal *ammonium nitrate* u preparazzjonijiet ta' *ammonium nitrate*, *straight ammonium nitrate-based fertilisers* u *ammonium nitrate-based compound/composite fertilisers* li hemm referenza għalihom f'Noti 2 u 3, li qiegħdin jiġu jew ġew irritornati minn dak li użhom l-aħħar lill-manifattur, ħażna temporanja jew impjant ta' riproċessar sabiex jerġa' jiġi maħdum, reċiklat jew trattat għall-użu bla periklu, għax m'għadhomx jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet tan-Noti 2 u 3;

- fertilizzanti li hemm referenza għalihom f'Nota 1, l-ewwel subinċiż, u Nota 2 li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Fertilizzanti 2002.

5. ***Potassium nitrate*** **(5,000/10,000):** *composite potassium-nitrate based fertilisers* magħmula minn *potassium nitrate* fil-forma *prilled/granular*.

6. ***Potassium nitrate*** **(1,250/5,000):** *composite potassium–nitrate based fertilisers* magħmula minn *potassium nitrate* f'forma ta' kristalli (*in crystalline form*).

7. ***Polychlorodibenzofurans*** **u** ***polychlorodibenzodioxins*** Il-kwantitajiet ta' *polychlorodibenzofurans* u *polychlorodibenzodioxins* huma kkalkulati skond il-fatturi segwenti:

Fatturi Ekwivalenti Tossiċi Internazzjonali (*ITEF*) għall-*congeners of concern* (*NATO/CCMS*)

2, 3, 7, 8-TCDD	1
1, 2, 3, 7, 8-PeDD	0.5
1, 2, 3, 4, 7, 8-HxCDD *1, 2, 3, 6, 7, 8-HxCDD* *1, 2, 3, 7, 8, 9-HxCDD*	0.1
1, 2, 3, 4, 6, 7, 8-HpCDD	0.01
OCDD	0.001

2, 3, 7, 8-TCDF	0.1
2, 3, 4, 7, 8-PeCDF	0.5
1, 2, 3, 7, 8-PeCDF	0.05
1, 2, 3, 4, 7, 8-HxCDF *1, 2, 3, 7, 8, 9-HxCDF* *1, 2, 3, 6, 7, 8-HxCDF* *2, 3, 4, 6, 7, 8-HxCDF*	0.1
1, 2, 3, 4, 6, 7, 8-HpCDF *1, 2, 3, 4, 7, 8, 9-HpCDF*	0.01
OCDF	0.001

(*T=tetra, Pe=penta, Hx=hexa, Hp=hepta, O=octa)*

([1]) kontenut ta' 15.75 fil-mija bl-użin ta' *nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* jikkorrespondi għal 45 fil-mija ta' *ammonium nitrate*.

([2]) kontenut ta' 24.5 fil-mija bl-użin ta' *nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* jikkorrespondi għal 70 fil-mija ta' *ammonium nitrate*.

([3]) kontenut ta' 15.75 fil-mija bl-użin ta' *nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* jikkorrespondi għal 45 fil-mija ta' *ammonium nitrate*.

([4]) kontenut ta' 28 fil-mija bl-użin ta' *nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* jikkorrespondi għal 80 fil-mija ta' *ammonium nitrate*.

PARTI 3

Kategoriji ta' Sustanzi u Preparamenti mhux speċifikament imsemmijja f'Parti 2

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Kategoriji ta' sustanzi perikoluż	Kwantità f'tunnellati	
1. TOSSIĊI ĦAFNA	5	20
2. TOSSIĊI	50	200
3. *OXIDISING*	50	200
4. SPLUSSIV (ara Nota 2) fejn is-sustanza, preparazzjoni jew oġġett taqa' taħt il-*UN/ADR* Diviżjoni 1.4	50	200
5. SPLUSSIV (ara Nota 2) fejn is-sustanza, preparazzjoni jew oġġett taqa' taħt waħda minn dawn: *UN/ADR* Diviżjonijiet 1.1, 1.2, 1.3, 1.5 jew 1.6 jew fraži ta' riskju *R2* jew *R3*	10	50
6. FJAMMABBLI (fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizjoni mogħtija f'Nota 3(a))	5,000	50,000
7a. FJAMMABBLI ĦAFNA (fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizjoni mogħtija f'Nota 3(b)(i))	50	200
7b. Likwidi li huma FJAMMABBLI ĦAFNA(fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizzjoni mogħtija f'Nota 3(b)(ii))	5,000	50,000
8. ESTREMAMENT FJAMMABBLI (fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizjoni mogħtija f'Nota 3(ċ))	10	50

9. PERIKOLUŻI GĦAL L-AMBJENT fraži ta' riskju: i) *R50* : "Tossiċi ħafna għal organiżmi akwatiċi" (inkluži *R50/53*)	100	200
ii) *R51/53* : "Tossiċi għal organiżmi akwatiċi; jistgħu jikkawżaw effetti avversi fit-tul, fl-ambjent akwatiku"	200	500
10. KULL KLASSIFIKAZZJONI li ma taqax taħt dawk mogħtija 'l fuq flimkien ma' fraži ta' riskju: (i) *R14* "Jaġixxi vjolentement ma' l-ilma" (inkluż *R14/15*)	100	500
(ii) *R29* "meta jagħmel kuntatt ma' l-ilma, jillibera gass tossiku"	50	200

Noti

1. Għall-iskopijiet ta' din l-Iskeda, sustanzi u preparazzjonijiet għandhom ikunu klassifikati skond id-Direttivi segwenti u l-addattament kurrenti tagħhom għal progress tekniku:

Direttiva tal-Kunsill *67/548/EEC* tas-27 ta' Ġunju 1967 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' klassifikazzjoni, ippakkjar u mmarkar ta' sustanzi perikoluži.

Direttiva tal-Kunsill *1999/45/EC* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tikkonċerna l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' klassifikazzjoni, ippakkjar u mmarkar ta' preparamenti perikoluži.

Fil-każ ta' sustanzi u preparamenti li m'humhiex ikklassifikati bħala perikoluži skond id-Direttivi t'hawn fuq, per eżempju l-iskart, iżda li madankollu huma preżenti, jew li jistgħu jkunu preżenti, fi stabbiliment u li jipposjedu jew li jistgħu jipposjedu, taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istabbiliment, proprjetajiet ekwivalenti f'termini ta' potenzjal għal inċident kbir, il-proċeduri għal klassifikazzjoni temporanja għandhom ikunu segwiti skond l-Artiklu relevanti tad-Direttiva xierqa.

Fil-każ ta' sustanzi u preparamenti bi proprjetajiet li jwasslu għal aktar minn klassifikazzjoni waħda, għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti għandhom japplikaw il-kwantitajiet kwalifikanti l-aktar baxxi. Iżda, għall-applikazzjoni tar-regola f'Nota 4, il-kwantità kwalifikanti wżata għandha dejjem tkun dik li tikkorrespondi għall-klassifikazzjoni kkonċernata.

2. "Splussiv" tfisser:

- sustanza jew preparament li toħloq ir-riskju ta' splużjoni minn xokk, frizzjoni, nar jew sorsi oħra ta' tqabbid (fraži ta' riskju *R2*),

- sustanza jew preparament li toħloq riskji estremi ta' splużjoni minn xokk, frizzjoni, nar jew sorsi oħra ta' tqabbid (fraži ta' riskju *R3*), jew

- sustanza, preparament jew oġġett kopert bi Klassi 1 tal-Ftehim Ewropew li jikkonċerna l-ġarr internazzjonali ta' sustanzi perikoluži fuq l-art (*International Carriage of Dangerous Goods by Road UN/ADR*), konkluż fit-30 ta' Settembru 1957, kif emendat, kif addottat bid-Direttiva tal-Kunsill

94/55/EC tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-trasport ta' sustanzi perikoluży fuq l-art.

Inkluży f'din id-definizzjoni huma l-pirotekniċi, li għall-għan ta' dawn ir-Regolamenti huma definiti bħala sustanzi (jew taħlit ta' sustanzi) magħmula biex jipproduċu sħana, dawl, ħoss, gass, jew duħħan jew taħlita ta' dawn l-effetti minn reazzjonijiet kimiċi li huma *self-sustained exothermic*. Fejn sustanza jew preparazzjoni hi klassifikata kemm taħt il-*UN/ADR* u fraży ta' riskju *R2* jew *R3*, il-klassifikazzjoni tal-*UN/ADR* għandha tieħu preċedenza fuq l-assenjazzjoni tal-fraży ta' riskju.

Sustanzi w oġġetti ta' Klassi 1 huma kklassifikati f'waħda mid-diviżjonijiet 1.1 sa 1.6 skond l-iskema tal-klassifikazzjoni tal-*UN/ADR*. Id-diviżjonijiet ikkonċernati huma:

Diviżjoni 1.1: "Sustanzi w oġġetti li għandhom periklu ta' splużjoni massiva (splużjoni massiva hija splużjoni li taffettwa kważi t-tagħbija kollha instantanjament)."

Diviżjoni 1.2: "Sustanzi w oġġetti li għandhom periklu ta' projezzjoni iżda mhux periklu ta' splużjoni massiva."

Diviżjoni 1.3: "Sustanzi w oġġetti li għandhom periklu ta' nar u jew periklu ta' splużjoni żgħira jew periklu ta' projezzjoni żgħira jew it-tnejn, iżda mhux periklu ta' splużjoni massiva:

(a) il-ħruq tagħhom jirriżulta f'ammont konsiderabbli ta' radjazzjoni ta' sħana, jew

(b) li jaqbdu wieħed wara l-ieħor, u jipproduċu splużjoni żgħira jew projezzjoni jew it-tnejn."

Diviżjoni 1.4: "Sustanzi w oġġetti li jippreżentaw biss riskju żgħir fil-każ ta' tqabbid jew inizzazzjoni waqt il-ġarr. L-effetti huma ristretti l-aktar għall-pakkett u mhux mistennija projezzjoni ta' frammenti ta' daqs sostanzjali. Nar fuq l-estern ma jikkawżax splużjoni instantanea tal-kontenut kollu tal-pakkett."

Diviżjoni 1.5: "Sustanzi insensittivi ħafna li għandhom periklu ta' splużjoni massiva u li tant huma insensittivi li hemm probabbiltà żgħira ħafna ta' inizzazzjoni jew ta' transizzjoni mil-ħruq għad-detonazzjoni taħt kundizzjonijiet normali ta' ġarr. Bħala rekwežit normali ma jisplodux fl-eżami tal-ħruq estern (*external fire test*)."

Diviżjoni 1.6: "Sustanzi estremament insensittivi li m'għandhomx periklu ta' splużjoni massiva. L-oġġetti fihom biss sustanzi ta' detonazzjoni estremament insensittivi u li juru probabbiltà negliġibbli ta' inizzazzjoni aċċidentali jew ta' propagazzjoni. Ir-riskju huwa limitat għal splużjoni ta' oġġett wieħed."

Inkluży f'din id-definizzjoni hemm ukoll splussiv jew sustanzi pirotekniċi jew preparamenti f'oġġetti. Fil-każ ta' oġġetti li fihom splussiv jew sustanzi pirotekniċi jew preparamenti, jekk il-kwantità tas-sustanza jew preparazzjoni hi magħrufa, dik il-kwantità għandha tintuża għall-għan ta' dawn ir-Regolamenti. Jekk il-kwantità mhix magħrufa, imbagħad, għall-għan ta' dawn ir-Regolamenti, l-oġġett sħiħ jiġi trattat bħala splussiv.

3**.** "Fjammabbli", "fjammabbli ħafna", u "estremament fjammabbli" f'kategoriji 6, 7, u 8 ifissru:

(a) likwidi fjammabbli -
sustanzi u preparamenti li għandhom *flash-point* daqs jew ikbar minn 21°C u inqas minn jew daqs 55°C (fraży ta' riskju *R 10*), li jsaħħu l-kombustjoni;

(b) likwidi fjammabbli ħafna -

(i) -sustanzi u preparamenti li jistgħu jisħnu u finalment jieħdu n-nar meta jiġu f'kuntatt ma' l-arja f'temperatura ambjentali mingħajr id-dħul ta' enerġija (fraži ta' riskju *R17*),

-sustanzi u preparamenti li għandhom *flash point* inqas minn 55ºC u li jibqgħu likwidi taħt pressjoni, fejn kundizzjonijiet ta' pproċessar partikolari, bħal pressjoni għolja jew temperatura għolja, jistgħu jikkreaw perikli għal inċidenti kbar,

(ii) sustanzi u preparamenti li għandhom *flash point* inqas minn 21°C u li m'humhiex estremament fjammabbli (fraži ta' riskju *R 11*, it-tieni subinċiż);

(ċ) gassijiet u likwidi estremament fjammabbli –

(i) sustanzi likwidi u preparamenti li għandhom *flash point* inqas minn 0°C u li l-*boiling point* tagħhom (jew, fil-każ ta' *boiling range*, l-ewwel *boiling point*) f'pressjoni normali huwa inqas minn, jew daqs 35°C (fraži ta' riskju *R 12*, l-ewwel subinċiż), u

(ii) gassijiet li huma fjammabbli f'kuntatt ma' l-arja f'temperatura u pressjoni ambjentali (fraži ta' riskju *R12*, it-tieni subinċiż), li huma fl-istat gassuż jew fl-istat *supercritical*, u

(iii) sustanzi u preparamenti likwidi fjammabbli u fjammabbli ħafna mantenuti f'temperatura aktar għolja mill-*boiling point* tagħhom.

4. Fil-każ ta' stabbiliment fejn l-ebda sustanza jew preparazzjoni individwali hi preżenti fi kwantità akbar jew daqs il-kwantitajiet kwalifikanti relevanti, ir-regola segwenti għandha tiġi applikata biex tiddetermina jekk l-istabbiliment jaqax taħt dawn ir-Regolamenti.

Dawn ir-Regolamenti japplikaw jekk is-somma

$q_1/Q_{U1} + q_2/Q_{U2} + q_3/Q_{U3} + q_4/Q_{U4} + q_5/Q_{U5} +$…… hija daqs, jew aktar minn 1,

Fejn q_X = il-kwantità ta' sustanza perikoluża x (jew kategorija ta' sustanzi perikolużi) li jaqgħu taħt Partijiet 2 jew 3 ta' din l-Iskeda,

u Q_{UX} = il-kwantità kwalifikanti relevanti għal sustanza jew kategorija x minn kolonna 3 tal-Partijiet 2 jew 3.

Dawn ir-Regolamenti għandhom japplikaw, bl-eċċezzjoni ta' regolamenti 8, 10 u 12 jekk is-somma

$q_1/Q_{L1} + q_2/Q_{L2} + q_3/Q_{L3} + q_4/Q_{L4} + q_5/Q_{L5} +$…… hija daqs, jew aktar minn 1,

fejn q_X = il-kwantità ta' sustanza perikoluża x (jew kategorija ta' sustanzi perikolużi) li jaqgħu taħt Partijiet 2 jew 3 ta' din l-Iskeda,

u Q_{LX} = il-kwantità kwalifikanti relevanti għal sustanza jew kategorija x minn kolonna 2 tal-Partijiet 2 jew 3.

Din ir-regola għandha tintuża biex tevalwa l-perikli assoċjati ma' tossiċità, fjammabbiltà u *eco-toxicity*. Għalhekk għandha tiġi applikata tlett idrabi:

(a) għall-addizzjoni ta' sustanzi u preparamenti li jidhru f'Parti 2 u li huma klassifikati bħala tossiċi jew tossiċi ħafna, flimkien ma' sustanzi u preparamenti li jaqgħu taħt il-kategorija 1 jew 2;

(b) għall-addizzjoni ta' sustanzi u preparamenti li jidhru f'Parti 2 u li huma klassifikati bħala *oxidising*, splussiv, fjammabbli, fjammabbli ħafna, jew estremament fjammabbli, flimkien ma' sustanzi u preparamenti li jaqgħu taħt il-kategoriji 3, 4, 5, 6, 7a, 7b jew 8;

(ċ) għall-addizzjoni ta' sustanzi u preparamenti li jidhru f'Parti 2 u li huma klassifikati bħala perikolużi għal l-ambjent (*R50* (inklużi *R50/53*) jew *R51/53*), flimkien ma' sustanzi u preparamenti li jaqgħu taħt il-kategorija 9(i) jew 9(ii);

Il-provvedimenti relevanti ta' dawn ir-Regolamenti japplikaw jekk kwalunkwe addizzjoni miksuba b'(a), (b) jew (ċ) hija daqs, jew aktar minn 1.